.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Marzu, 2002**

**Numru 12**

**Cit. Nru. 9/01(F1) GCD**

**Antoine Vassallo**

**Vs**

**Joe Debono**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u ghoxrin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm2,227.20), import ta' 20 kambjali annessi mac-citazzjoni u mmarkati Dok. 1 sa Dok. 20, minnu accettati u ffirmati u li d-data ta' maturita` taghhom skadiet;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti; u

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni valida fil-ligi x'jaghti;

Talab illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm2,227.20, import ta' 20 kambjala minnu accettati u ffirmati, liema kreditu huwa cert, likwidu u dovut.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja ammontanti ghal Lm5 kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-attur u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, dan baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm